MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Numru. 255/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**MARIO AQUILINA**
**(ID Nru. 506861M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 255/2011

Illum,17 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Aquilina, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 506861M.

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tmienja (8) ta` Lulju, 2010, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimali gieghel lill-istess annimali, fosthom klieb, isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u abbandunhom talli nzammu fi hmieg, f'gaggeg zghar hafna u minghajr ilma u ikel;

2. U akter talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;
3. U aktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi meta zamm annimali ghandu u cioe` klieb f'sistema ta` gaggeg hekk zghar u msaddin u mahmugin u ghamel uzu minnhom meta dan ma harisx dawk il-facilitajiet minimi ghat-trattament xieraq tal-annimali;

4. U aktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu iktar minn kelb wiehed fl-abitat minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta` Emanuel Buhagiar weggghu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor;

6. U aktar talli fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` Emanuel Buhagiar, persuna nkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 8 (2) (3) u 16 (1) Taqsima 1 v tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali, l-Artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 252 (1) u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet il-provi prodotti specjalment dawk tal-Prosekuzzjoni li hija xhieda fattwali u cara dwar il-kundizzjonijiet tal-gagga li fiha kienu qiedghin jinzammu dawn l-annimali.

Illi d-difiza ssostni fuq zewg punti:

1. Il-fatt illi l-annimali li nstabu fil-gagga ma kienux hemm in wirja u ghal bejgh u ghalhekk kienu qieghdin jinzammu ghal zmien twil f'dina l-gagga. Dawn l-annimali kienu jappartjenu lill-nies differenti li nthadu hemm minn sidhom ghall-*grooming* u tpoggew jistennew f'dina l-gagga. Illi dana l-argument tad-difiza ma jistax ireggi stante li f'dan il-hanut temporanjament jew ghal zmien twil, l-annimali ghandhom jinzammu fi stat tajjeb b'ikel u ilma vicin taghhom u gagga nadifa u salutari. Kwalunkwe kundizzjonijiet ohra huma inaccettabli.

2. *Ne bis in idem*. Id-difiza ssostni li l-imputat diga kien akkuzat f'akkuzi identici bhal dawn tal-llum, maghmula fl-istess fond u li jinvolvi l-istess gagga in-kwistjoni izda f'data precedenti. Kwindi, l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ma tistax tigi sollevata.

Ili, mill-bqija tal-provi, dina l-Qorti ma ghandiex alternattiva ohra hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Il-Qorti, fil-piena li qed tinfliggi, hadet in konsiderazzjoni l-apologija li ghamel l-imputat lil Emanuel Buhagiar.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mill-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll timmulta lill-istess imputat l-ammont ta` tmien mitt ewro (€800).

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------